# FONTANELLE

Id-dellijiet bdew jitwalu tul il-wied hekk kif l-Arka daret ma’ liwja fix-xmara u deher quddiemhom il-kampnar tal-knisja ta’ Fontanelle. “Fl-ahhar hemm hi Fontanelle,” qalet Antoinette.

“Deo gratias,” regghet qalet ommhom, “li ghad fadal xi haga mill-villagg. Araw hemm il-kastell ghadu wieqaf.” U lil uliedha wriethom bini kbir griz nofsu mohbi fis-sigar. “Ta’ lanqas hawn mhux hazin daqs li bzajt.”

Il-missier Jacques zied fil-qfid biex ma jdumx ma jaslu. Meta sabu post tajjeb biex jorbtu d-dhgajsa, qalilhom,” “Intom morru il-villagg sakemm nirranga id-dghajsa.”

Ommhom Antoinette qabzet mid-dghajsa qabel ma zewgha ittrakkaha u t-tewmin ghamlu bhala. It-tlieta li huma grew ghat-triq li tiehu lejn il-villagg.

Meta qorbu Antoinette rat b’ghajnejha il-hsarat li garrbet u f’qalbha ittamat kontra kull tama li l-genituri taghha ma sofrew ebda dannu. Faccata taghhom Antoinette lemhet id-dar tat-tfulitha. Gabru l-ftit sahha li kienu fadlilhom u ziedu fil-giri biex jaslu fuq l-ghatba tad-dar tal-genituri taghha. U dak id-dmugh li hija ma xerditx meta halliet lil darha gewwa Rheims xtered qisu xmara meta quddiemha rat id-dar tal-genituri taghha

meqruda. Id-dar kienet vojta, it-twieqi telqu, il-bieb kien imawweg mic-cappetti u s-saqaf kien miftuh ghas-smewwiet. Kull dar kienet vojta u t-toroq dezerti.

La l-omm u anqas it-tfal ma qalu kelma wahda. B’qalhom maqsuma huma daru lura mill-bieb imkisser u miftuh u mxew lejn il-kastell li kien nofs mil ‘l boghod mill-villagg. Ma iltaqghu ma ebda ruh sakemm waslu hdejn il-bieb il-kbir li kien jimmarka d-dahla ghall-gnien. Hemm raw li anke il-kastell sofra hsarat. Kellu parti minnu mahruqa, imma billi l-hitan tieghu kienu ghadhom weqfin u parti minnu dehret abitabbli, kibret fihom it-tama. Waqfu fil-bieb u staqsew lil tifla jekk kienx hemm xi hadd jismu Jamart.

It-tifla harset lejhom b’mod kurzjuz u wegbithom, “Iva” filwaqt li ppuntat subghajha lejn il-kastell u hemm kienet ghadha kemm ghabet figura wara l-kantuniera tal-hajt, ta’ mara anzjana igorr barmil ilma.

B ’ghajta ta’ ferh, ommhom Antoinette telqet tigri ‘l quddiem daqs kemm kien fadlilha sahha f’saqajha, b’uliedha ma jistghux ilahhqu maghha. Meta waslu hdejha, l-barmil ta’ l-ilma kien maqlub u ta’ go fih inxtered kollu ma’ l-art. Iz-zewg nisa kienu qed jikbu f’dirghajn xulxin. Ragel xih resaq lejhom u t-tfal

iddendlu mieghu bil-ferh. “Nannu, nannu,” ghajtu t-tfal u ghal darb’ohra tghannqu mieghu.



In-nannu ma naqasx li jimliehom bil-bews u wara ghannaq lil bintu Antoinette. Imbaghad qalilhom,” Dan huwa zmien li nifirhu. Tikbux izjed. Imsah ghajnejk Antoinette u ghidilma kif wasalt hawn. Jidher

bhallikieku is-smewwiet infethu u baghtulna t-tlett angli. U fejn huwa Jacques?”

Sadanitant ingabret folla zghira. In-nannu qalilhom, “Araw b’ghajnejkom. Ahna biss fadal mill-popolazzjoni. Kull zaghzugh u zaghzugha ttiehdu mill-Germanizi biex jahdmu ghalihom fl-ghelieqi. U kull ma fadal huma ahna sebgha u ghoxrin ruh kollox. Dik hi l-istorja kollha.”

Antoinette hadet b’id kullhadd ghax ilkoll kienu hbieb antiki u pprezentatilhom lil uliedha qabel ma irrakontatilhom dak kollu li sehh gewwa Rheims u d-disperazzjoni li kellhom jghaddu minnha biex abbandunaw darhom. Kuhadd sema’ attent ghal dak li qalet Antoinette minghajr ebda kumment ghaliex huma sofrew tant li anqas kien baqghalhom post ghal aktar dulur f’qalbhom. Imma lkoll ferhu meta semghu fuq il-qlubija ta’ Jacques.

In-nies stednuhom biex jghixu maghhom. Serqulna sahansitra anke l-merhliet. Ma fadalx aktar haddiema b’sahhithom biex jahdmu l-ghelieqi taghna u anqas ma ghandna zerriegha biex nizirghu. Ahna nghixu kif nistghu gol-parti tal-kastell li baghet wieqfa u xi kmamar ohra imxerred fil-limitu tieghu. It-tama taghna

ghadha hajja li xi mument jew iehor nergghu ghalli konna."

"Ahna nghixu fl-istallel taz-zwiemel," qalilhom in-nannu. "Tistghu tigu u tghixu maghna. Mhux hazin hazin. Hemm it-tiben mahzun fuq is-saqaf ta' l-istalla tal-baqar u stallel ohra huma vojta. Kollha taghkom."

Antoinette u Jacques irrassenjaw ruhhom. "Jekk l-Imqaddsa Vergni Marija, Omm Gesu' setghet tghix go stalla," irrimarkat omm it-twemin," allura kenn bhal dan certament huwa sigur ghalina."

Jaqcques kien mistghageb jara folla zghira ta' nies resqin lejh ilkoll ixejru idhom jew il-berritta. It-tewmin waslu qabilhom u infurmawh li n-nanniet kienu ghadhom hajjin u li kien hemm post ghalihom biex jghixu flimkien. Ilkoll ghenuh jhott is-sorror li gabu maghhom u biex jahbi id-dghajsa qalb l-arbuxelli. Imbaghad Jacques u l-folla erhewla biex jirritornaw lejn il-kastell.

Meta l-familja Meraut waslu hdejn l-istalla, irringrazzjaw lil dawk li ghenuhom igorru s-sorror u dahlu halli jaraw fl-liema kundizzjoni kienet l-istalla li kienet ser tkun id-dar taghhom minn hemm 'l quddiem.  Antoinette haslet sew l-istalla sakemm gabitha tleqq. Dendlu hwejjighom

ma’ xi imsiemer li kien hemm fil-hajt u nizzlu xi qattet tat-tiben li fuqhom firxu xi lozor biex iservuhom ta’ soda. Bhala siggijiet sabu xi kaxxi biex fuqhom joqghodu u fuq il-hajt wahhlu kurcifiss li kienu gabu maghhom.

Meta waslu n-nanniet, Antoinette laqghathom u qaltilhom, “Din hija darna minn issa ‘l quddiem.” Dak il-hin it-tewmin kienu fuq is-saqaf ta’ l-istalla jhejju s-soddod taghhom ghax xtaqu li jibdew jorqdu hemm fuq.

Missierhom Jacques meta ra l-post stqarr, “Mhux hazin ghas-sajf u min jaf forsi sax-xitwa l-Germanizi jigu mkeccija minn Franza u nkunu nistghu nghixu bi kwietna.”

“Ahna, kieku hratna ftit il-gonna zghar li hawn madwarna bil-ghodda li ghandna,” qal in-nannu. “Il-gvern weghdna li ser jibghatilna xi zerriegha, imma t-toroq huma hziena tassew u ahna ma ghandniex zwiemel biex interrqu bihom. L-aktar rahal qrib huwa sitt mili ‘l boghod u wiehed ftit jista’ jgorr fuq spalltu u jimxi bih ghal dak it-tul.”

“Ma hemmx xi tama li wiehed isib l-ghanunja mis-suldati?” staqsa Jacques.

“Iva,” wiegbu n-nannu, “izda bhalissa hsiebom hu li jiddefendu l-pajjiz u mhux iqassmu l-htigijiet. Bhalna hemm hafna villaggi ohrajn.”

Jacques qaghad jahseb ftit. Imbaghad esklama, “Kollu veru dak li ghidt. Imma ghandi soluzzjoni. L-Arka. Tkun is-salvazzjoni bhalma kienet fi zmien Noe.”

“Nispera li ma tilifx mohhu, Jacques,” stqarr in-nannu lil bintu Antoinette.

Bintu dahqet. “Id-dghajsa taghna hekk jisimha, l-Arka,” spejgatlu. “Nistghu nuzawha biex nizlu max-xmara biex nixtru l-provizjon u z-zerriegha, jekk hemm x’ingibu.”

In-nannu qalilhom,” Jiena ghandi flus. L-Ohrajn ghandhom ukoll. Imma x’jiswa li wiehed ghandu l-flus u ma hemmx x’jixtri.”

“Imma irridu nsibu post minn fejn nixtru,” qalet Antionette. Inti u Jacques tistghu tmorru taraw issibux minn x’imkien.”

Qabel ma dalam halli wiehed jingabar biex jorqod, il-villagg kollu dar ma’ omm it-tewmin biex jisma’ l-ahbarijiet li gabet maghha Antoinette fuq il-grajjiet tal-gwerra li sehhew gewwa Rheims.

Ghal xhur shah qatt ma qraw gazetta u ma kien hemm ebda vizitatur gewwa Fontanelle. Wara dak kollu li irrakontatilhom Antoinette dwar il-qerda gewwa Rheims, it-tifrik u n-nar li sofra l-Katidral, kif salvaw meta waqa’ s-saqaf fuqhom u anke l-avventura fuq ix-xmara, bdew jiddiskutu l-pjan tan-nannu u Jacques.

Kien diga tard meta waqfet id-diskussjoni u kulhadd mar jorqod.